# KURAĠĠ FIT-TFIXKIL

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija**
**Ġer 38, 4-10**

F'dak iż-żmien: Il-kbarat marru jgħidu lis-sultan: "Dan il-bniedem (Ġeremija) ħaqqu l-mewt, għax bil-kliem li qiegħed igħidilhom qiegħed jaqta' qalb is-suldati li fadal f'din il-belt u qalb il-poplu kollu. Raġel bħal dan mhuwiex ifittex il-ġid ta' dan il-poplu, imma l-qerda tiegħu''. U s-sultan Sedekija qalilhom: "Ara, ħuduh intom f'idejkom, għax is-sultan ma jistax imur kontra tagħkom.'' U ħadu lil Ġeremija u xeħtuh fil-bir ta' Malakija, bin is-sultan; lil Ġeremija niżżluh bil-ħbula f'dan il-bir, li kien fil-bitħa tal-għassa: ma kienx fih ilma, iżda ħama biss u Ġeremija għodos fil-ħama.
Għebed-Melek il-Kusi, fizzjal fil-palazz tas-sultan, sema' li kienu tefgħu l-Ġeremija fil-bir. Issa s-sultan kien bilqiegħda ħdejn il-Bieb ta' Benjamin. Għebed-Melek ħareġ mill-palazz tas-sultan u mar ikellmu, u qallu: "Sidi s-sultan, dawn in-nies ġiebu ruħhom ħażin f'kull ma għamlu lil Ġeremija l-profeta: xeħtuh fil-bir, u dalwaqt imut bil-ġuħ, għax ma baqax ħobż fil-belt''. Is-sultan imbagħad ordna lil Għebed-Melek il-Kusi: "Hu miegħek tlitt irġiel minn dawn,'' qallu, 'u mur tella' lil Ġeremija l-profeta mill-bir, qabel ma jmut.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 39**
**Ħa jogħġbok, Mulej, teħlisni.**

Ittamajt b'tama qawwija fil-Mulej,
u miel lejja u sema' l-għajta tiegħi.
Tellagħni minn bir qalil,
minn qalb il-ħama u t-tajn,
qeghidli fuq il-blat riġlejja,
saħħaħli l-mixi tiegħi.

**R/. Ħa jogħġbok, Mulej, teħlisni.**

Qegħidli f'fommi għanja ġdida,
għanja ta' tifħir lil Alla tagħna.
Ħafna jaraw u jibżgħu,
u jittamaw fil-Mulej.

**R/. Ħa jogħġbok, Mulej, teħlisni.**

Jien, fqajjar u msejken,
il-Mulej jaħseb fija.
Inti l-għajnuna u l-ħelsien tiegħi;
Iddumx ma tgħinni, Alla tiegħi!

**R/. Ħa jogħġbok, Mulej, teħlisni.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra lil-Lhud**
**Lhud 12, 1-4**

Ħuti: Ladarba għandna madwarna sħaba hekk kbira ta' xhieda, ejjew inwarrbu minna kull xkiel u kull dnub li malajr ifixkilna, u, b'qalbna qawwija, nibqgħu niġru t-triq li għandna quddiemna, waqt li nżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesu', li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna, hu, li għall-hena li kellu quddiemu qagħad għas-salib bla xejn ma qies il-għajb tiegħu, u issa qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tat-tron ta' Alla. Aħsbu mela fih, li qagħad għal tfixkil hekk kbir min-naħa tal-midinbin, biex ma tegħjewx u ma taqtgħux qalbkom. S'issa, fit-taqbida tagħkom kontra d-dnub għadkom ma żammejtux hekk iebes sal-pont li xxerrdu demmkom.

**Il-Kelma tal-Mulejk**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Ħienja dawk li, b'qalb imhejjija mil-aħjar,
iżommu fihom il-kelma ta' Alla
u jagħmlu l-frott billi jibqgħu sħaħ fil-fehma.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 12, 49-53**

F'dak iż-żmien: Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu: "Nar ġejt inqiegħed fuq l-art u kemm nixtiequ li ġa qabad! Hemm magħmudija li biha għandi nitgħammed, u x'diqa għandi sa ma dan iseħħ: Taħsbu intom li jien gejt biex nagħti l-paċi fid-dinja? Le, ngħidilkom, imma l-firda; għax mil-lum 'il quddiem ħamsa min-nies f'dar waħda jkunu mifruda bejniethom, tlieta kontra tnejn u tnejn kontra tlieta: jinfirdu, missier kontra ibnu u iben kontra missieru, omm kontra bintha u bint kontra ommha, omm ir-raġel kontra mart binha u mart l-iben kontra omm żewġha.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu**